MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Numru 16/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Paul Hili**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fid-19 ta' Awissu 2004 kontra Paul Hili li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (2) kiser ir-regolament tas-sinjal tat-traffiku, u cioe` kiser il-*one way*; (3) kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Novembru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u wiehed (1) kontra sabu lill-appellant (allura akkuzat) hati ta' l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza, u unanimament sabuh hati tat-tieni u tat-tielet kapi ta' l-Att ta' Akkuza, iddikjarat lill-imsemmi Paul Hili hati talli (1) fis-27 ta' Frar 2003 gewwa Triq San Frangisk, Sliema, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna u cioe` lil Victor Testa jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, u dan skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza; (2) fis-27 ta' Frar 2003, go Triq San Frangisk, Sliema, saq kontra l-*one way* system bi ksur tar-regolament tas-sinjal tat-traffiku, u dan skond it-tieni kap ta' l-Att ta' Akkuza; (3) fis-27 ta' Frar 2003, gewwa Triq San Frangisk, Sliema, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u dan skond it-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza u, wara li rat l-Artikoli 7(1)(2), 13(1), 17(d), 22, 23, 41(1)(a), 31, 211, 338(m), u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 54 u 55 u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta w ir-Regolamenti 2, Schedule Part II(d) tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku w Marki tal-Karreggjata (A.L. 94 tan-1969 kif emendat), ikkundannat lill-imsemmi Paul Hili ghall-piena ta' hmistax-il sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, kif ukoll ikkundannatu jhallas l-ispejjez tal-perizji f'din il-kawza li jammontaw ghal mitejn u erbgha u tletin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm234.20) u ordnat il-konfiska ta' l-injama uzata fl-incident favur il-Gvern ta' Malta. Dik il-Qorti waslet ghas-sentenza taghha wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensur Dott. Ian Farrugia u s-sottomissjonijiet minnu maghmula u tal-prosekutur Dott. Mark Said dwar il-piena, rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant u kkunsidrat is-segwenti:

“Qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament izda mhux biss is-segwenti w cioe`:

1. Illi d-difiza ghadha temmen li dan ma kienx kaz ta’ tentattiv ta’ omicidju minkejja li tirrispetta l-verdett;
2. Illi wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-eta` tal-hati;
3. Li l-hati huwa kap ta’ familja w ghandu t-tfal;
4. Li l-vittma gie in gran parti riabilitat f’sahhtu w li ghalhekk is-sanzjoni ghandha tkun aktar vicin il-minimu tal-piena stabilita mil-ligi ghal dan ir-reat;

“Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni w cioe`:

1. li l-verdett tal-gurija kien ghamel gustizzja mal-vittma tar-reat li ser jibqa’ jsofri minn difetti fizici tul hajtu;
2. li fi zmien fejn l-incidenza tal-arroganza fit-toroq ta’ Malta kienet qed tizdied, kien importanti li s-sentenza tal-Qorti turi lis-socjeta` Maltija illi kulhadd huwa skjav tal-ligi anki waqt is-sewqan u dan biex incidenti banali ma jeskalawx f’konsegwenzi serji, kif gara f’dan il-kaz.
3. ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma kinitx ser tinsisti ghall-applikazzjoni tal-piena massima ta’ tletin sena prigunerija, lanqas ma kienet thoss li f’dan il-kaz ikun xieraq li l-piena tkun vicin il-minimu ta’ seba’ snin prigunerija. Ikun xieraq illi l-piena tkun tirrifletti posizzjoni ta’ kompromess bejn il-piena minima u dik massima;

“Rat il-verbal tad-difiza tal-lum, li sar biss fl-istadju meta l-Qorti regghet harget biex tippronunzja s-sentenza, li bih issottomettiet li l-verdett tal-gurati kien null;

“Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni in risposta tal-istess verbal;

“Rat il-provvediment taghha dwar l-istess lanjanza;

“Ikkonsidrat :

“Illi f’dan il-kaz il-piena minima skond il-ligi hija dik ta’ seba’ snin prigunerija w dik massima ta’ tletin sena

prigunerija w ghalhekk il-Qorti hija prekluza milli tikkonsidra xi provvediment alternattiv ghal piena karcerarja;

"Illi kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004]:-

" *'… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna, il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija <u>b'effett immedjat</u>. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f' xi forma ta' vjolenza fizika .'*

"Illi dan il-principju rega' gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha: "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici**" [11.11.2004] fejn gie ritenut li:-

" *'Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car …li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat.'*

"Illi ghalkemm il-fedina penali tal-hati mhix wahda reffrattarja w kull ma hemm fiha huma zewg infrazzjonijiet relatati mal-ligijiet u regolamenti tat-traffiku, f'dan il-kaz ma tistax tinjora l-fatt li l-incident in kwistjoni kien kollu kemm hu dovut ghall-prepotenza assoluta tal-hati li mhux biss iddecieda li jikser il-ligi tat-traffiku w jimbokka go triq dejqa kontra l-"one way system", imma addirittura meta ltaqa' ma' traffiku gej minn faccata, baqa' jinsisti li minflok iregga' lura hu jew inkella jiskappa mis-sitwazzjoni ta' "bottle neck" li holoq hu billi johrog minnufih mit-triq tal-genb, Norfolk Street, li kienet ftit piedi boghod u lura minn fejn huwa waqaf, baqa' jinsisti li Victor Testa ghandu jirriversja lura tul ta' zewg blokki ohra biex johrog bir-reverse fuq Tower Road minn fejn kien dahal fi Triq San Frangisk;

“Ir-rizultat ta’ din il-prepotenza kien li l-incident baqa’ jeskala w meta x-xufier l-iehor li hass ruhu mhedded mar u gab “chamber pot” tac-caqquf biex ibezza’ lill-hati, biex forsi dan ihallih jidhol fil-karozza w jitlaq minn hemm, il-hati hass li kellu jsawwtu b’injama illi kellu fil-karozza w li kellha l-ghamla ta’ manganell fejn sahansitra kellha skolpiti l-posizzjoni tas-swaba fl-id biex tista’ tintuza bhala tali;

“Lanqas ma’ tista’ din il-Qorti tinjora li minhabba l-ferita gravi li sofra Victor Testa huwa kellu jigi operat darbtejn u ser iqatta’ hajtu jaf illi toqba f’rasu ta’ 3.5 cm X 4.5 cm ser tibqa’ mkahhla bis-siment, apparti d-difetti fizici ohra li ser jibqa jsofri minnhom.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Paul Hili pprezentat fl-14 ta’ Dicembru 2006 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti tal-verdett fejn il-gurati unanimament sabuh hati tat-tieni u tat-tielet kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza u (2) thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-verdett u tad-dikjarazzjoni ta’ htija taht l-ewwel kap u konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell ai termini ta’ l-artikolu 501 u/jew 502 u/jew 508 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (3) alternattivament u minghajr pregudizzju, tikkunsidra temperament fis-sentenza moghtija ghal dak li jirrigwarda l-piena billi tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti: (1) li huwa nstab hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; (2) li kien hemm irregolarita` matul il-kawza jew interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta’ kellha influwenza fuq il-verdett; (3) minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, u in subordine, il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva.

Huwa opportun illi din il-Qorti tezamina fl-ewwel lok l-ilmenti ta’ l-appellant li jaqghu taht it-tieni aggravju. Hawn l-appellant jilmenta li matul l-indirizz (ghalkemm wiehed jifhem u japprezza illi l-Imhallef sedenti jaghmel l-almu tieghu sabiex jevita li l-gurati jiehdu direzzjoni zbaljata fuq xi punt/i partikolari) kien hemm cirkostanzi fl-indirizz li setghu nducew lill-gurati f’direzzjoni zbaljata. Jirreferi ghal okkazjonijiet fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri f’dan il-kaz qal testwalment: *“Is-self defence tilliberak assolutament”* u *“jekk hu full self defence … xorta ma jehel xejn ….”* L-appellant jghid illi f’bosta istanzi l-Imhallef sedenti ghamel referenza, benche` b’mod indirett, ghall-eventwali piena li talvolta tigi mposta f’kaz ta’ sejbien ta’ htija fuq reati komprizi u involuti fl-ewwel kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u dwar linji difensjonali mressqa. L-appellant inoltre jghid illi l-istess jista’ jinghad ghal certi kummenti li saru matul l-indirizz rigward il-fatti ta’ dan il-kaz.

Waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell mid-difiza[1], gie suggerit lid-difensur ta’ l-appellant li jipprezenta nota spjegattiva b’referenza ghall-brani relattivi fl-indirizz li dwarhom huwa kien qieghed jilmenta. Effettivament dan l-ezercizzju sar u l-appellant ipprezenta nota fis-16 ta’ Novembru 2007 li permezz taghha ndika l-brani fl-indirizz li, skond hu, jissostanzjaw l-aggravji minnu mressqa. Fl-imsemmija nota huwa jirreferi ghal brani li jghid li urew zbilanc fir-rigward ta’ htija o meno tieghu kif ukoll brani li, apparti indikazzjonijiet ta’ zbilanc fir-rigward ta’ htija, iwasslu ukoll – dejjem skond l-appellant – sabiex il-gurati jkollhom uzurpata l-liberta` ta’ razocinju. L-appellant jirreferi wkoll ghal siltiet fl-indirizz fejn jghid li ssir referenza ghall-piena.

Issa, fit-termini ta’ l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta’ l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta’ l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta’ akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f’dak il-kaz partikolari jkollu x’jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat

[1] Seduta tat-8 ta’ Novembru 2007.

li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra.

Izda bhalma naraw f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**[2]:

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate**

[2] Para. D16.16 pp. 1484 – 1485.

**sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131).”**

U kif qal Simon Brown, L.J. f’*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f’**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2006**[3]) u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:

**“Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence.”**

Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta’ indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *miscarriage of justice*. Minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta’ l-indirizz ikollha tosserva li

[3] Para. 4-376 p. 495.

setghu gew evitati kummenti bhal: "issa kif ser tidhlu f'mohhu ma nafx; ara fil-kaz ta' l-iehor f'mohhu facli tidhol ghax tidhollu mit-toqba, imma dan ma nafx."[4] Fid-dawl tal-brani appena citati, pero`, u meta jittiehed l-indirizz fit-totalita` tieghu, ma jistax jitqies li kien hemm il-*bias* jew *unfairness* li jirravviza l-appellant. Hekk, per ezempju, ma jistax jitqies bhala zbilanc il-fatt li l-Imhallef li ppresjeda l-guri wera l-inverosimiljanza li l-offiza li garrab Victor Testa f'rasu setghet saret b'bicca caqqufa.[5]

Inoltre din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ilment ta' l-appellant li l-Imhallef li ppresjeda l-guri uzurpa l-liberta` ta' razocinju tal-gurati. Huwa enfasizza diversi drabi li l-gurati huma l-imhallfin tal-fatti. Fil-bidu ta' l-indirizz spjegalhom:

"Kif ghidtilkom intom l-imhallfin tal-fatti. Mela kull fejn si tratta issa ta' xi kwistjoni ta' fatt lil min se temmen, x'hin grat din il-haga, kif grat, ghaliex grat, meta grat, min kien hemm, min kien qed jara, lil min se nemmen jekk hux dak jew l-iehor, dika hija decizjoni taghkom, u taghkom biss, u ma jista' jindahlilkom hadd, u nghid x'nghid jien fuq il-fatti ma jorbotkom bl-ebda mod assolutament. Jiena nipprova nghid mill-inqas jekk jista' jkun ghax inutli noqghod nghid u nlablab fil-vojt meta dak li nghid jien ma jiswa xejn. Pero` kultant waqt li inti anki qed tirrepeti l-provi u dan, xi kumment 'l hawn u 'l hemm johrog. Jew ghax ikun qieghed jekeggja dak li jkunu qalu l-avukati u wiehed ikun irid jiccara xi punt li jkun hareg min-naha ta' l-avukati, pero` nghid x'nghid jien fuq kif tinterpretaw il-fatti, partikolarment x'se temmnu u ma temmnux, u x'se taccettaw bhala pruvat u dak li ma giex pruvat, dik hija d-decizjoni taghkom u ma jindahlilkom hadd fiha u dak li nghid jien ma jorbotkom bl-ebda mod. Konsegwnetement jekk jiena waqt dan l-indirizz naghmel xi riflessjoni fuq il-fatti, jew nghaddi xi kumment jew anki waqt li kien qed jixhed xi hadd hawnhekk staqsejtu xi domanda ghal darba, tnejn, tlieta biex jispjega xi haga bl-istil tieghi li forsi huwa stil daqsxejn wahda dirett, m'ghandux daka jinduci fikom xi hsieb illi tghidu ara la l-Imhallef staqsihielu hekk

[4] Indirizz p. 30.
[5] Indirizz p. 24..

b'dan il-mod din id-domanda, dan mhux qed jemmnu mela sinjal li la mhux qed jemmnu l-Imhallef lanqas ghandna ghalfejn nemmnuh ahna u mela allura ma nemmnuhx. Jekk tiehdu dik id-decizjoni tkunu qed tiehdu decizjoni zbaljata ghax intom m'ghandkomx tiddeciedu u tibbazaw id-decizjonijiet taghkom fuq il-fatt fuq dak li nista' nkun ghidt jew m'ghidtx jien u dina importantissima u nirripetihielkom iktar tard *as I go along* ghax jekk fuq din ma taqblux allura tkunu qeghdin tiehdu falza stikka."

L-Imhallef li ppresjeda l-guri enfasizza diversi drabi li kienu l-gurati li kellhom jiddeciedu fuq il-fatti. Enfasizza li l-fatti huma dawk li jaccettaw huma u mhux li qalulhom il-prosekuzzjoni jew id-difiza jew l-istess Qorti. Spjega l-principji kollha applikabbli, fosthom kif il-piz tal-prova qieghed fuq il-prosekuzzjoni, il-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat, il-grad ta' prova li jrid jintlahaq mill-prosekuzzjoni u dak li jrid jintlahaq mill-akkuzat. Enfasizza wkoll li kellhom jiddeciedu bla ma jzommu ma' hadd u b'imparzjalita` assoluta, u li kellhom iwarrbu l-pregudizzju sija favur u sija kontra. Indikalhom ukoll li setghu jitolbu t-tapes jekk riedu jergghu jisimghu xi xiehda u anke setghu jitolbu li jaraw ir-ritratti, kemm dawk esebiti mill-appellant kif ukoll dawk esebiti mill-prosekuzzjoni. <u>Jigifieri l-gurati tqieghdu fl-ahjar posizzjoni possibbli sabiex setghu jaqdu l-funzjoni taghhom skond il-ligi.</u>

L-appellant jilmenta wkoll li l-Imhallef sedenti ghamel referenza, benche` b'mod indirett, ghall-eventwali piena li talvolta tigi mposta f'kaz ta' sejbien ta' htija fuq reati komprizi u involuti fl-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza u dwar linji difensjonali mressqa. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa lment fieragh. L-Imhallef li ppresjeda l-guri kellu kull dritt fl-indirizz tieghu jipparaguna r-reati komprizi u involuti fl-ewwel kap mal-*matrioshka dolls*, fejn ir-reati hekk komprizi u involuti kienu ta' gradwatorja u gravita` inqas minn xulxin. Bhalma din il-Qorti ma tara xejn hazin li l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal li l-*full self-defence* tilliberak. Wara kollox dan huwa *common knowledge*.

Ghaldaqstant it-tieni aggravju qieghed jigi respint.

L-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija tar-reat ta' tentattiv ta' omicidju kontemplat fl-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza peress illi l-appellant iddikjara li qieghed jaccetta l-verdett tal-gurija u d-dikjarazzjoni ta' htija ghal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet kapi ta' l-att ta' akkuza. L-appellant jispjega l-aggravju tieghu hekk:

"**1. L-Intenzjoni Omicida?**

"… legittimament u ragonevolment, il-fatti ta' dan il-kaz ma jwasslux ghall-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Ghalkemm l-element materjali kwantu l-offiza fuq il-persuna ta' Victor Testa giet ippruvata minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, mhux l-istess jista' jinghad ghall-element intenzjonali. Hija ghal kollox mankanti l-intenzjoni specifika da parti tal-esponent li allegatament ried joqtol jew ipoggi l-hajja ta' Victor Testa f'perikolu car. Ghaliex f'dan ir-rigward wiehed irid jistaqsi, 'meta l-esponent (Paul Hili) xejjer id-daqqa jew daqqiet fuq il-persuna ta' Victor Testa, huwa ried joqtlu jew ipoggilu hajtu f'perikolu car jew ried semplicement jaghmillu hsara?'

"L-intenzjoni hija dedotta f'kull kaz mic-cirkostanzi tal-istess kaz – izda l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – (anke jekk wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali).

"F'dan il-kuntest l-esponent sejjer jippuntwalizza s-segwenti:

(i) li l-esponent qabad l-injama wara li ra lil Victor Testa gej lejh jghaggel b'oggett f'idu;
(ii) li l-esponent xejjer daqqa jew daqqiet bl-addocc bhala reazzjoni immedjata u mhux bhala azzjoni ta' attack;
(iii) li kienet biss ferita wahda li kienet gravi – l-ohrajn hfief – indikazzjoni ta' persuna li qed tirreagixxi *'to repel'* (f'dan il-kaz it-tfiegh tal-*'pot'* tac-ceramika da parti ta' Victor Testa);

(iv) li l-esponent fl-ebda hin ma offra rezistenza u l-injama ttiehdet minghajr ebda sforz (u tpoggiet fil-parapett);

“Ilkoll dawn fatturi li ma jippuntawx lejn intenzjoni omicida izda biss lejn l-intenzjoni generika li ssir il-hsara.

“Illi hawn si tratta ta’ linja ta’ demarkazzjoni fina bejn l-intenzjoni specifika omicida (l-*animus necandi*) u l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara lill-persuna (l-*animus nocendi*).

“Bl-akbar rispett, minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, ma jistax jinghad li l-esponent, fil-mument li xejjer id-daqqa, kellu l-intenzjoni li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta’ Victor Testa f’perikolu car. Il-provi jippuntaw evidentement lejn l-intenzjoni generika u kwindi l-esponent kellu jinstab hati tar-reat ta’ ferita gravi u mhux ta’ tentattiv ta’ omicidju. Is-sejbien tal-htija tal-esponent skon dl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza – tentattiv ta’ omicidju volontarju – hija *‘unsafe and unsatisfactory’*.

“**2. Legittima Difesa jew l-Eccess taghha**

“Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u kemm jekk l-aggravju precedenti numru (1) jigi milqugh u kemm jekk jigi respint u l-htija dwar it-tentattiv ta’ omicidju tigi kkonfermata, l-esponent umilment jirrileva li mill-fatti rizultanti ghandha tissussisti l-linja difensjonali tal-legittima difesa jew l-eccess taghha flimkien mal-*proviso*.

“Wiehed necessarjament irid ihares lejn il-kriterji li trid il-ligi biex tissussisti l-legittima difesa. Irid ikun hemm perikolu minaccjat, li jehtieg li jkun ingust, gravi u inevitabbli.

“**Ingust** – l-esponent jaccetta li hu ghamel hazin li ried jghaddi kontra l-*one way*. Jaccetta wkoll li ghamel hazin li bhal ma ghamel Victor Testa, beda jgholli lehnu u jiskambja kliem hazin ma’ l-istess Victor Testa. Sa dak il-mument ebda wiehed miz-zewg protagonisti ma kien ghadu sar fizikament vjolenti. Izda f’daqqa minnhom kien

Victor Testa li pprecipita s-sitwazzjoni ghal wahda vjolenti – billi telaq, gab oggett, u mar ghall-esponent – l-azzjoni tieghu kienet ingusta.

“**Gravi** – il-perikolu li Victor Testa kien qed jindirizza lejn l-esponent, bil-girja tieghu lejn l-esponent b’oggett iebes (ceramika) f’idejh, kien wiehed potenzjalment gravi – seta’ wkoll ikkawza ferita gravi fuq il-persuna tal-esponent kieku dan effettivament intlaqat b’tali oggett.

“**Inevitabbli** – gie ppruvat sal-grad, kwazi tista’ tghid sac-certezza morali, li l-esponent, fil-mument tal-incident, kien ibati minn ugiegh f’irkobbtu, li wkoll kellha l-kapacita` ta’ manuvrar taghha limitat hafna – ara l-faxxikolu formanti parti mill-atti ta’ dan il-procediment u mmarkat Dok. PH9 li jigbor fih numru ta’ letteratura medika fir-rigward. L-azzjoni ta’ Victor Testa (meqjus bhala atleta) tant kienet mghaggla (fi kliem ix-xhieda ‘f’hakka t’ghajn’), li l-esponent ma kellux ghazla, l-anqas hin jahseb.

“Illi bir-rispett l-esponent umilment ihoss li dawn il-kriterji gew ippruvati sal-grad ta’ probabbilta`. Izda l-esponent huwa wkoll konsapevoli li r-reazzjoni tieghu li jiddefendi ruhu kellha tkun proporzjonali. Huwa f’dan il-kuntest li l-esponent ihoss li, issa f’dan l-istadju ta’ argumentazzjoni, huwa car li l-fatti juru li hu effettivament, waqt li rreagixxa, hareg mil-limitu tal-proporzjon – izda dan sehh peress illi huwa, f’dak il-mument, inhasad u beza’ (artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali).

“**3. L-influwenza immedjata ta’ passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh**

“Minghajr pregudizzju ghall-premess u b’mod sussidjarju l-esponent jirrileva bir-rispett illi c-cirkostanzxi u d-dinamika tal-incident kienu tali li minnhom kellu jikkonfigura l-iskuzanti tal-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh filwaqt tad-delitt.

“Kif ghandu jigi elaborat waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-umli appell, meta wiehed iqis li z-zewg protagonisti kienu qed jghajjtu u jiskambjaw kliem xejn xieraq fil-konfront ta’

xulxin, u f'daqqa wahda Victor Testa pprecipita s-sitwazzjoni, telaq jigri, qabad pot tac-ceramika, gera fid-direzzjoni tal-esponent u waddablu dak l-oggett filwaqt li baqa' javvanza, l-esponent gie f'sitwazzjoni ta' xokk u hasda, u f'sahna tad-demm, huwa ma setax iqis l-ghemil tieghu.

"Bl-akbar rispett jista' ragonevolment jinghad li fil-kaz odjern saret il-prova sal-grad tal-probabbli li fil-mument tar-reat l-esponent kien kolpit minn agitazzjoni tal-mohh ai termini tal-ligi (artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali.

"**4. Il-provokazzjoni ai termini tal-artikolu 227(a) tal-Kodici Kriminali**

"Minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja l-esponent jirrileva bir-rispett illi l-azzjoni ta' Victor Testa – li jigri fid-direzzjoni tal-esponent b'oggett iebes bl-intiza (ghax hekk qalet ix-xhud Giannella Giordano) cara li b'dak l-oggett kien ser jaghmel ghalih – kienet tammonta legittimament ghall-provokazzjoni b'offiza gravi fuq il-persuna ta' Paul Hili u konsegwentement iggib l-applikazzjoni tal-iskuzanti taht l-artikolu 227(a) tal-Kap. 9."

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu fl-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u li setghu, ghalhekk, legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li

kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija, ben diretta, ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[6].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll[7]:

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act**

---

[6] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[7] Para. D23.17, p. 1668.

**1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**'However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha fl-assjem taghhom. Irid jigi

sottolineat illi l-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha.

Issa, waqt il-guri jidher li l-ewwel linja tad-difiza kienet li l-appellant kellu jigi lliberat peress illi mill-provi ma rrizultax li kien hemm kuntatt bejn l-injama u ras Victor Testa, cioe` li l-offiza li garrab Victor Testa f'rasu ma gratx b'daqqa li xejjer l-appellant. It-tieni linja tad-difiza kienet li jekk sar tali kuntatt, dan kien *per legittima difesa*. Kif jidher mir-rikors ta' appell, l-appellant qieghed issa jaccetta li l-offiza gravi li Victor Testa garrab f'rasu kkagunahielu hu izda qieghed jikkontesta l-intenzjoni omicida.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-atti tal-kumpilazzjoni kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xiehda li nghatat waqt il-guri ta' dawk mix-xhieda li ntalbet li ssir it-traskrizzjoni taghhom, u dan sabiex tkun tista' tiehu *"the feel of the case"*.

Il-punt krucjali huwa jekk jistax jinghad li meta l-appellant vvibra d-daqqa (aktar minn wahda) bl-injama li tidher fir-ritratt 03 APN 22 fid-direzzjoni ta' ras Testa huwa kellux il-hsieb li jew joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Testa f'perikolu car. Li taghti daqqa b'injama bhal dik indirizzata lejn ir-ras (u bis-sahha li evidentement kellu l-appellant) tista', legalment u ragjonevolment, twassal ghall-konkluzjoni li, anke jekk forsi ma riedx joqtol lil Testa – ra l-mewt u ried il-mewt, skond it-teorija – ried iqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car – ra l-mewt bhala konsegwenza probabbli tad-daqqa, ma riedx il-mewt izda xorta ried jaghmel dik l-azzjoni (intenzjoni pozittiva indiretta). Il-gurati kienu intitolati li jwiegbu ghall-mistoqsija "Hili, meta vvibra d-daqqa, ried iwegga' lil Testa jew ried iqieghed il-hajja tieghu f'perikolu tal-mewt?" billi jghidu "Ried iqieghed il-hajja tieghu f'perikolu tal-mewt".

Mill-kumpless tal-provi jidher li l-incident beda kollu minhabba l-arroganza ta' l-appellant li, wara li Testa indjetreggja biex l-iehor ikun jista' jghaddi minn Triq Norfolk, dan, meta ra lil dan iz-zaghzugh, ippretenda li kellu jkun min hu l-izghar li jsuq lura t-triq kollha biex jakkomoda lilu. Kien l-appellant li hareg kjarament ghall-

glied, werwer lil Testa, u dan, meta mar biex jipprova jidhol ghand zitu u sab il-bieb maghluq, qabad qasrija dekoramentali (deskritta minn xi xhieda bhala *chamber pot* tac-caqquf) bil-hsieb li juzaha biex ibezza' lill-appellant. L-appellant, pero`, ma tahx cans, u ghalkemm hemm xhud wahda li tghid li Testa tefa' l-qasrija lejn l-appellant bla ma laqtu (b'mod li r-reazzjoni ta' l-appellant zgur li ma tistax taghti lok ghal legittima difiza ghax il-perikolu tac-*chamber pot* kien ghadda), beda jtih bil-"lembuba".

Anqas, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jista' jigi koncess l-iskuzanti ta' l-artikolu 227(c). Ghalkemm hu plawsibbli li l-appellant kien qed jagixxi taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, din il-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh ma kinitx tali illi, f'nies ta' <u>temperament ordinarju</u>, komunement iggib dan l-izbuxxlar.

L-anqas ma tista' tigi koncessa d-difiza tal-provokazzjoni skond l-artikolu 227(a). Min ikun hu nnifsu pprovoka ma jistax imbaghad isostni l-provokazzjoni bhala difiza tieghu. L-appellant ipprova jimminimizza l-agir tieghu billi jghid li xejjer daqqa izda "ma nafx fejn ilqattu"[8], li xejjer daqqa izda "fejn giet ma nafx"[9], li d-daqqa "xejjirtha bl-addocc"[10], u li meta xejjer id-daqqa "nahseb li lqatt l-qasrija"[11]. Din il-Qorti pero` hi tal-fehma li l-aggressjoni ta' l-appellant fuq Testa kienet wahda voluta maghmula b'ghuda li kienet idoneja biex tikkawza offiza gravi u sahansitra l-mewt specjalment li kieku kompla jaghti biha. L-appellant stess xehed li "hargu xi nies u gew zammewni"[12] u li "gie wiehed fih ragel u zammni"[13]. <u>Min jinzamm ikun qieghed jinzamm milli jaghmel jew milli jkompli jaghmel xi haga.</u> Il-vittma, Victor Testa, jghid li l-appellant tah tliet daqqiet u li

---

[8] Xiehda ta' l-appellant quddiem l-A.I.C. Richard Aquilina a fol. 251 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[9] Xiehda ta' l-appellant quddiem il-Magistrat Inkwirenti a fol. 260 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[10] *Ibidem* a fol. 267.
[11] Traskrizzjoni tax-xiehda ta' l-appellant waqt il-guri – Tape 6 Side B p.4.
[12] Atti ta l-inkjesta a fol. 251 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[13] Atti ta' l-inkjesta a fol. 260 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

“isammar fuqi beda”[14]. Joan Christine Scicluna tghid li l-appellant ta “qisu tliet daqqiet”[15]. Albert Aquilina jghid li l-appellant “tah daqqa, l-iehor laqaghha b’idejh, ghamel idejh fuq l-ohra ghax wegga’ u tah ohra u laqtu fuq rasu. Dak il-hin Victor waqa’ ma’ l-art. Malli rajt hekk jien mort nigri biex inzomm lis-Sur Hili. Hu kien gej fuq Victor biex jaghtih daqqa ohra. Ilhaqt zammejtu u hadtlu l-injama minn idejh”.[16] Gennaro Maresca jghid li ra lill-appellant jaghti xebgha lil Testa fuq rasu, Testa waqa’ u l-appellant tah xebgha ohra[17]. Hemm xhieda ohra li wkoll jindikaw li l-appellant ta lil Testa meta dan kien ma’ l-art.[18]

Minn dan kollu huwa evidenti li l-gurati setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu kif ikkonkludew, u ghalhekk l-ewwel aggravju huwa wkoll respint.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis bhala eccessiva. Jghid li jifhem u japprezza l-offiza li sofra Victor Testa u li l-incident seta’ kien evitat kieku qatt seta’ jobsor li seta’ jipprecipita daqstant f’atteggjament gravi. Jghid li jiddispjacih ta’ l-incident u jawgura l-ahjar fil-hajja ta’ Victor Testa. L-appellant ikompli jghid li, b’fedina penali kwazi ezemplari (hlief ghal xi reati kontravvenzjonali), b’karriera tajba bhala *aircraft technician* ma’ l-Air Malta, fl-eta` ta’ 56 sena, missier ta’ zewgt itfal, qatt ma basar li kellu jtemm id-dinja tax-xoghol u z-zmien tal-pensjoni b’dan il-mod kiefer. Isostni li jaf li ta’ l-izball ghandu jhallas izda jitlob il-klemenza ta’ din il-Qorti sabiex tikkunsidra temperament fil-piena.

Ta’ spiss gie osservat minn din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b’dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel

14 Traskrizzjoni tax-xiehda ta’ Victor Testa – Tape 4 Side B p. 4.
15 Traskrizzjoni tax-xiehda ta’ Joan Christine Scicluna waqt il-guri.
16 Atti tal-kumpilazzjoni a fol. 49.
17 Atti tal-kumpilazzjoni a fol. 163.
18 Mary Rose Galdes u Joseph Agius.

Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*.

Il-piena f'dan il-kaz hi dik ta' prigunerija ta' bejn seba' snin u tletin sena. Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi. Il-kaz kien wiehed gravi. Dak li ghamel l-appellant kien aktar rapprezentattiv ta' xena ta' xi film tal-Wild West milli ta' komunita` civilizzata. Din il-Qorti fil-fatt hi perturbata bl-attakk kwazi inferocit li l-appellant ghamel fuq Testa u hija tqis il-piena ta' prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti bhala wahda gusta. Pero` jirrizulta li fil-mori ta' l-appell l-appellant hallas kumpens lill-imsemmi Victor Testa.

Issa, kif inghad minn din il-Qorti f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef**[19]:

**"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**

Victor Testa xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2007. Huwa qal li l-pretensjonijiet ghad-danni li huwa kellu kontra l-appellant gew solvuti u huwa gie kkumpensat mill-appellant li m'ghandux aktar obbligazzjonijiet lejh. Testa xehed ukoll li l-appellant skuza ruhu u li hu jahfirlu.

---

[19] 28 ta' Novembru 2006.

Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-appellant hallas kumpens lill-vittma u li l-vittma hafirlu, liema mahfra kienet tidher wahda genwina u ghalhekk, filwaqt illi zzomm quddiem ghajnejha l-gravita` tar-reat, tqis li huwa gust li jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Filwaqt li tichad l-appell hlief ghal dak li jirrigwarda l-piena, tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha biss in kwantu kkundannat lill-imsemmi Paul Hili ghal prigunerija ghal perijodu ta’ hmistax-il sena u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tnax-il sena, u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------